

# Il-Bidla fir-Rwol tas-Servizzi Speċjalizzati

## Rapport Sommarju Finali

EUROPEAN AGENCY
for Special Needs and Inclusive Education

# IL-BIDLA FIR-RWOL TAS-SERVIZZI SPEĊJALIZZATI

Rapport Sommarju Finali

C R O S P

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) hija organizzazzjoni indipendenti u awtonoma. L-Aġenzija hija kofinanzjata mill-ministeri tal-edukazzjoni fil-pajjiżi membri tagħha u mill-Kummissjoni Ewropea permezz ta' għotja operattiva fi ħdan il-programm edukattiv tal-Unjoni Ewropea (UE).

Ikkoffinanzjat mill-Unjoni Ewropea

Iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea. Il-fehmiet u l-opinjonijiet espressi huma madankollu dawk tal-awtur(i) biss u mhux neċessarjament jirriflettu dawk tal-Unjoni Ewropea jew tal-Kummissjoni Ewropea. La l-Unjoni Ewropea u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jistgħu jinżammu responsabbli għalihom.

L-opinjonijiet espressi minn kwalunkwe individwu f'dan id-dokument mhux neċessarjament jirrappreżentaw l-opinjonijiet uffiċjali tal-Aġenzija, tal-pajjiżi membri tagħha jew tal-Kummissjoni Ewropea.

**© European Agency for Special Needs and Inclusive Education 2022**

Edituri: Mary Kyriazopoulou u Anthoula Kefallinou

Din il-pubblikazzjoni hija riżorsa ta' aċċess miftuħ. Dan ifisser li inti tista' taċċessaha, tużaha u tqassamha filwaqt li tagħti kreditu xieraq lill-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva. Jekk jogħġbok irreferi għall-Politika dwar l-Aċċess Miftuħ tal-Aġenzija għal aktar informazzjoni: **www.european-agency.org/open-access-policy**.

Inti tista' tikkwota din il-pubblikazzjoni kif ġej: European Agency for Special Needs and Inclusive Education, 2022. *Il-Bidla fir-Rwol tas-Servizzi Speċjalizzati: Rapport Sommarju Finali.* (M. Kyriazopoulou u A. Kefallinou, edituri). Odense, id-Danimarka

CC BY NC ND

Dan ix-xogħol huwa liċenzjat skont **il-Liċenzja Internazzjonali Creative Commons Attribution-NonCommercial-NoDerivatives 4.0**. Ma tistax timmodifika jew tittraduċi din il-pubblikazzjoni mingħajr l-approvazzjoni tal-Aġenzija.

Bil-għan li tinkiseb aċċessibilità ikbar, dan ir-rapport huwa disponibbli f'25 lingwa u f'format elettroniku aċċessibbli fuq il-websajt tal-Aġenzija: **www.european-agency.org**

Din hija traduzzjoni ta' test oriġinali bl-Ingliż. Fil-każ ta' dubju dwar il-preċiżjoni tal-informazzjoni fit-traduzzjoni, jekk jogħġbok irreferi għat-test oriġinali bl-Ingliż.

ISBN: 978-87-7599-018-4 (Elettroniku)

**Segretarjat**
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C id-Danimarka
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

**Uffiċċju ta' Brussell**
Rue Montoyer, 21
BE-1000 Brussels il-Belġju
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

# Werrej


Introduzzjoni 5

Fażi 1: L-immappjar tal-approċċi tas-servizzi speċjalizzati fil-pajjiżi Ewropej 6

Fażi 2: L-iżvilupp ta’ pjan direzzjonali għall-bidla fir-rwol tas-servizzi speċjalizzati 8

Il-qafas ġenerali CROSP 9

L-għodda ta’ awtoreviżjoni CROSP: pjan direzzjonali lejn il-bidla fir-rwol tas-servizzi speċjalizzati 12

Kummenti finali 15

Referenzi 16



# Introduzzjoni

L-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għall-edukazzjoni inklużiva, irrakkomandat mill-**Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal** (1989) u **l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità** (2006), jippromwovi edukazzjoni ta' kwalità għolja għal kulħadd. Il-pajjiżi membri kollha tal-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) jaqblu dwar u qed jaħdmu biex jiżviluppaw sistemi edukattivi inklużivi li għandhom l-għan li jissodisfaw id-drittijiet tal-istudenti kollha għal edukazzjoni inklużiva ma' sħabhom fil-komunitajiet lokali tagħhom (**Aġenzija Ewropea, 2015**).

Filwaqt li jaħdmu lejn dan l-għan ibbażat fuq id-drittijiet, il-pajjiżi jirrikonoxxu dejjem aktar il-ħtieġa li jinbidel ir-rwol tas-servizzi speċjalizzati. Minflok ma jpoġġu lill-istudenti li jeħtieġu sostenn f'ambjenti speċjali, is-sistemi edukattivi qed jimxu lejn l-istennija li l-professjonisti tal-edukazzjoni mainstream jissodisfaw diversi ħtiġijiet (**il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2018**; **Aġenzija Ewropea, 2015**). Kwistjoni ewlenija għal ħafna pajjiżi hija, għalhekk, li jiġi ċċarat ir-rwol tas-servizzi speċjalizzati fis-sostenn tad-drittijiet tal-istudenti kollha għal edukazzjoni inklużiva.

Il-proġett **Il-Bidla fir-Rwol tas-Servizzi Speċjalizzati għall-Edukazzjoni Inklużiva** (CROSP) iffoka fuq ir-riorganizzazzjoni tas-servizzi speċjalizzati biex isostnu d-dritt għal edukazzjoni inklużiva għall-istudenti kollha. Huwa kellu l-għan li jidentifika u janalizza l-isfidi u l-opportunitajiet fi ħdan il-politika u l-prattika tal-pajjiżi li jinfluwenzaw ir-riorganizzazzjoni u r-riforma tas-servizzi speċjalizzati lejn edukazzjoni inklużiva għall-istudenti kollha.

CROSP kellu żewġ fażijiet:

- Il-fażi 1 (2017–2018) kopriet eżerċizzju ta' mmappjar dettaljat dwar ix-xejriet u s-sitwazzjonijiet tal-passat u dawk attwali f'26 pajjiż membru tal-Aġenzija b'rabta mas-servizzi speċjalizzati, kif ukoll dwar xejriet perċepiti fil-futur. Ir-**rapport ta' sinteżi tal-fażi 1** huwa r-riżultat (Aġenzija Ewropea, 2019).

- Il-fażi 2 (2019–2022) bniet fuq ir-riżultati ewlenin tal-fażi 1, u tiffoka fuq attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari. Dawn inkludew workshops tematiċi ma' dawk li jfasslu l-politika minn pajjiżi membri tal-Aġenzija. L-approċċ tat-tagħlim bejn il-pari kellu l-għan li jippermetti lill-pajjiżi membri jiżviluppaw strateġiji aktar effettivi għat-titjib tar-rwol tas-servizzi speċjalizzati għall-edukazzjoni inklużiva. Il-fażi 2 ġiet konkluża bl-iżvilupp ta' **pjan direzzjonali**, fil-forma tal-**għodda ta' awtoreviżjoni CROSP**, li tipprovdi ħarsa ġenerali olistika tal-prijoritajiet u l-istrateġiji tal-politika, kif ukoll passi jew stadji ewlenin (jiġifieri azzjonijiet ewlenin) fil-proċess tal-bidla.

Dan ir-rapport jippreżenta s-sejbiet ewlenin tal-fażijiet 1 u 2 tal-proġett CROSP.

# Fażi 1: L-immappjar tal-approċċi tas-servizzi speċjalizzati fil-pajjiżi Ewropej

Il-fażi 1 kellha l-għan li tifforma ħarsa ġenerali ċara tal-iżvilupp tas-servizzi speċjalizzati biex jintlaħqu b'mod ġenerali d-drittijiet tal-istudenti għall-edukazzjoni, u l-edukazzjoni inklużiva b'mod aktar speċifiku. Hija identifikat u analizzat fatturi fi ħdan il-politika u l-prattika tal-pajjiż li jsostnu r-rwol li qed jinbidel tas-servizzi speċjalizzati lejn edukazzjoni inklużiva għall-istudenti kollha.

Sitta u għoxrin pajjiż membru tal-Aġenzija pparteċipaw fl-eżerċizzju ta' mmappjar tal-fażi 1.

Ir-rappreżentanti tal-pajjiżi parteċipanti ħejjew rapporti b'inputs min-networks ta' esperti nazzjonali tagħhom. Ir-rapporti koprew kull tip ta' servizz speċjalizzat li jsostni l-proviżjon mainstream fil-livell tal-edukazzjoni obbligatorja. Dan kien jinkludi sostenn għal studenti fi skejjel, unitajiet u klassijiet speċjali. Dan inkluda wkoll professjonisti li jipprovdu sostenn, pariri u gwida lill-istudenti u lill-istakeholders mill-proviżjon mainstream. Ir-rapporti kien fihom data dwar l-għadd ta' skejjel, klassijiet u professjonisti speċjali f'kull pajjiż. Huma ddeskrivew ukoll strutturi u proċessi, bħal politiki, sistemi ta' appoġġ u proċessi ta' trasformazzjoni.

L-analiżi tar-rapporti tal-pajjiżi pprovdiet informazzjoni ewlenija dwar:

- ir-rwol attwali u l-karatteristiċi ewlenin tas-servizzi speċjalizzati;
- ir-riformi ewlenin tal-politika tal-pajjiżi fir-rigward tas-servizzi speċjalizzati;
- aktar żviluppi fil-politika li huma meħtieġa biex jiġi ttrasformat ir-rwol tas-servizzi speċjalizzati biex isostnu l-edukazzjoni inklużiva.

**Id-definizzjoni ta' servizz speċjalizzat**

Skont il-pajjiżi parteċipanti, is-**servizzi speċjalizzati** tagħhom jikkonsistu f'servizzi addizzjonali ta' edukazzjoni, assessjar u gwida għall-istudenti, flimkien ma' aktar riżorsi għall-iskejjel, l-għalliema u l-familji. Is-servizzi speċjalizzati jistgħu jieħdu l-forom ta' servizzi fl-iskola, sostenn estern u skejjel speċjali.

Dawn is-servizzi jinvolvu diversi gruppi ta' speċjalisti li jkopru l-edukazzjoni speċjali, il-benesseri soċjali, ir-riabilitazzjoni, is-saħħa, l-intervent bikri, l-iżvilupp personali u l-mogħdijiet ta' tranżizzjoni fi ħdan is-sistema edukattiva.

Il-pajjiżi membri tal-Aġenzija qed jiżviluppaw b'mod attiv il-politika biex jerġgħu jikkonċettwalizzaw u jorganizzaw mill-ġdid is-servizzi speċjalizzati lejn l-edukazzjoni inklużiva. Ir-riformi politiċi ewlenin tagħhom jinvolvu:

- il-promozzjoni ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet;
- tfassil mill-ġdid tar-relazzjoni bejn is-servizzi mainstream u dawk speċjalizzati;
- l-iżvilupp ta' sistemi ta' appoġġ ġodda.

**Il-benefiċċji tal-bidla fir-rwol tas-servizzi speċjalizzati**

F'ħafna pajjiżi, it-trasformazzjoni tas-servizzi speċjalizzati lejn edukazzjoni inklużiva twassal biex aktar studenti jiġu edukati f'ambjenti mainstream, hekk kif jirċievu s-sostenn li jeħtieġu.

Dan iwassal ukoll għal bidliet pożittivi fl-attitudnijiet fil-livell tal-iskola lejn id-diversità fit-tagħlim.

Barra minn hekk, dan iżid l-għarfien tal-iskejjel dwar il-ħtieġa li jiġu żviluppati ambjenti tat-tagħlim inklużivi u flessibbli. Il-bidla fir-rwol tas-servizzi speċjalizzati biex isostnu l-inklużjoni fil-klassijiet mainstream tista' tipprevjeni l-ħruġ mill-iskola mill-istudenti u tgħin lill-għalliema jiksbu ħiliet biex isostnu lill-istudenti kollha.

Dawn il-benefiċċji jiffavorixxu inklużjoni akbar u l-iżvilupp ta' sistemi aktar inklużivi li jipprovdu edukazzjoni ta' kwalità għolja għall-istudenti kollha (l-Aġenzija Ewropea, 2015).

**Oqsma ta' politika li jistgħu jmexxu l-bidla**

L-analiżi tad-data turi l-ħtieġa li s-servizzi speċjalizzati jkunu jistgħu jkomplu jaġixxu bħala riżorsa għas-servizzi mainstream u biex l-istakeholders jiġu mgħammra biex jimplimentaw l-edukazzjoni inklużiva. It-trasformazzjoni tas-servizzi speċjalizzati f'riżorsa tinvolvi erba' oqsma interrelatati li dawk li jfasslu l-politika jqisu rilevanti. Dawn huma:

- Mekkaniżmi ta' governanza li jsostnu l-kooperazzjoni bejn is-servizzi speċjalizzati u dawk mainstream fil-livelli kollha
- Politiki u strateġiji ta' finanzjament li jsostnu s-servizzi speċjalizzati biex jaġixxu bħala riżorsa għall-edukazzjoni inklużiva



- Mekkaniżmi ta' bini tal-kapaċità li jippermettu l-professjonisti tas-servizzi speċjalizzati jsostnu b'mod effettiv lill-istakeholders fl-edukazzjoni mainstream
- Mekkaniżmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità għas-servizzi speċjalizzati li jippromwovu sistemi trasparenti u responsabbli għall-edukazzjoni inklużiva.

Dawn l-oqsma ta' politika huma relatati ma' komponenti ewlenin, li ġew identifikati f'ħidma preċedenti tal-Aġenzija, għall-iżvilupp ta' mekkaniżmi effiċjenti u kost-effettivi għall-allokazzjoni tar-riżorsi u għat-tnaqqis tad-disparità fl-edukazzjoni (ara l-**Politiki ta' Finanzjament tas-Sistemi tal-Edukazzjoni Inklużiva**).

Ir-**rapport ta' sinteżi tal-fażi 1 tal-CROSP** (Aġenzija Ewropea, 2019) fih aktar informazzjoni dwar is-sejbiet tal-fażi 1. **Vidjow animat** u **infografika** li jwasslu messaġġi ewlenin mill-fażi 1 huma wkoll disponibbli fuq **iż-żona tal-web CROSP**.

# Fażi 2: L-iżvilupp ta' pjan direzzjonali għall-bidla fir-rwol tas-servizzi speċjalizzati

Filwaqt li tibni fuq is-sejbiet ewlenin tal-fażi 1, il-fażi 2 kellha l-għan speċifiku li tippermetti lill-pajjiżi membri jiżviluppaw strateġiji aktar effettivi biex itejbu t-trasformazzjoni tar-rwol tas-servizzi speċjalizzati għall-implimentazzjoni tal-edukazzjoni inklużiva.

CROSP segwa approċċ ta' tagħlim bejn il-pari. Abbażi ta' approċċi u metodoloġiji eżistenti (jiġifieri **Andrews u Manning, 2015**) uħidma preċedenti tal-Aġenzija (jiġifieri r-**Reviżjoni u Analiżi tal-Politika tal-Pajjiż**; il-**Politiki ta' Finanzjament tas-Sistemi tal-Edukazzjoni Inklużiva**), dan involva lil dawk li jfasslu l-politika b'fokus u għarfien professjonali kondiviż f'attivitajiet miftiehma minn qabel u diskussjonijiet ma' xulxin.

L-approċċ tat-tagħlim bejn il-pari kellu tliet għanijiet interrelatati:

- **Għan relatat mal-kontenut**, inkluż tagħlim sistematiku bejn il-pajjiżi. L-għan kien li wieħed imur lil hinn mill-kondiviżjoni tal-informazzjoni u li jiġi pprovdut forum għal riflessjoni strutturata dwar l-isfidi tal-politika.
- **Għan relatat mal-proċess**, inkluż reviżjoni kollaborattiva u awtoriflessjoni. Dan ippermetta lill-pajjiżi jitgħallmu minn xulxin, billi identifikaw is-saħħiet u l-isfidi tal-politiki u l-istrateġiji eżistenti għall-bidla fir-rwol tas-servizzi speċjalizzati lejn edukazzjoni inklużiva.
- **Għan relatat mar-riżultati**, inkluż l-iżvilupp konġunt tal-għodda ta' awtoreviżjoni CROSP, kif ukoll attivitajiet ta' disseminazzjoni u segwitu fil-livell nazzjonali.

**L-attivitajiet tal-fażi 2 tal-CROSP**

L-approċċ tat-tagħlim bejn il-pari inkluda **żewġ sensiliet ta' workshops tematiċi**. Fl-2022 saret konferenza finali mal-pajjiżi membri kollha tal-Aġenzija.

Matul l-ewwel sensiela ta' workshops, ir-rappreżentanti tal-pajjiżi ddiskutew politiki u strateġiji effettivi nazzjonali/reġjonali/lokali, kif ukoll sfidi u esperjenzi komuni u speċifiċi għall-pajjiż relatati ma' erba' oqsma tematiċi: il-governanza, il-finanzjament, il-capacity building u l-assigurazzjoni ta' kwalità.

Fit-tieni sensiela ta' workshops, il-pajjiżi ddiskutew sitt prinċipji ta' gwida maqbula (l-"**għaliex**") u kif dawn jistgħu jiġu tradotti fi prijoritajiet/strateġiji politiċi (ix-"**xiex**") u mbagħad f'azzjonijiet konkreti (il-"**kif**"). Il-workshops iffokaw ukoll fuq it-tfassil u t-tixrid tal-għodda ta' awtoreviżjoni CROSP.

Sabiex jinvolvu b'mod attiv lill-parteċipanti kollha fid-diskussjonijiet, iż-żewġ sensiliet ta' workshops kellhom struttura "djaloġika". Il-parteċipanti kollha ġew assenjati rwol u saru skambji strutturati.

Minbarra ż-żewġ sensiliet ta' workshops tematiċi, il-proċess tat-tagħlim bejn il-pari kompla permezz ta' żewġ laqgħat onlajn. Dawn ippermettew lill-parteċipanti biex jimxu 'l quddiem bil-qafas għall-iżvilupp tal-għodda.

L-approċċ tat-tagħlim bejn il-pari għadda minn evalwazzjoni formattiva. Dan ivvaluta jekk l-ingaġġi bejn il-pari ppermettewx riżultati tat-tagħlim li jistgħu jgħinu lill-pajjiżi jiksbu bidliet fil-proċess lejn ir-rwol il-ġdid tas-servizzi speċjalizzati fis-sostenn tal-edukazzjoni inklużiva. L-**evalwazzjoni formattiva** (Aġenzija Ewropea, 2022) tal-metodoloġija CROSP dwar it-tagħlim bejn il-pari hija disponibbli fuq iż-żona tal-web tal-CROSP.

# Il-qafas ġenerali CROSP

L-analiżi tal-workshops tematiċi CROSP enfasizzaw diversi **prinċipji ta' gwida, prijoritajiet** u **strateġiji ta' politika**, kif ukoll **azzjonijiet ewlenin** li jappoġġjaw l-orjentazzjoni mill-ġdid tar-rwol tas-servizzi speċjalizzati biex isostnu l-edukazzjoni inklużiva. Dawn is-sejbiet ġew organizzati f'qafas usa' li jinkludi l-elementi essenzjali kollha għall-proċess tal-bidla.

**1. Prinċipji ta' gwida**

Il-prinċipji ta' gwida huma prinċipji ġenerali li jirfdu l-implimentazzjoni tal-politiki u l-istrateġiji u l-kapaċità tal-istakeholders li jimplimentaw l-edukazzjoni inklużiva fuq bażi ta' kuljum.

Dawn jistgħu jitqiesu bħala **temi ġeneriċi** marbuta mill-qrib mar-rwol li qed jinbidel tas-servizzi speċjalizzati. Dawn jipprovdu lill-istakeholders minn servizzi mainstream u speċjalizzati b'viżjoni komuni tar-rwol tas-servizzi speċjalizzati, u b'hekk isostnu l-kooperazzjoni. Huma jallinjaw ma' u jipprovdu evidenza addizzjonali għall-**Prinċipji Ewlenin** reċenti tal-Aġenzija (2021) li jsostnu l-implimentazzjoni tal-iżvilupp u l-prattika tal-politika inklużiva.

**Sitt prinċipji gwida komplementari b'mod reċiproku** jikkostitwixxu l-qafas ġenerali ta' CROSP:

*Prinċipju ta' gwida 1: L-iżvilupp ta' impenn komuni għall-edukazzjoni inklużiva*

L-istakeholders kollha għandhom jiżviluppaw valuri komuni u impenn kondiviż biex jipprovdu lill-istudenti kollha b'opportunitajiet ta' tagħlim ta' kwalità għolja fl-ambjenti mainstream. Is-servizzi speċjalizzati għall-istudenti li jeħtieġu għajnuna għandhom jibnu fuq approċċ soċjopedagoġiku, mhux wieħed mediku.

*Prinċipju ta' gwida 2: Il-promozzjoni tal-iskambju tal-għarfien u l-kisba ta' kompetenzi inklużivi permezz tal-kooperazzjoni u n-networking*

Dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u l-professjonisti tal-edukazzjoni kemm mis-setturi mainstream kif ukoll minn dawk speċjalizzati għandhom jiskambjaw l-għarfien permezz ta' kollaborazzjoni fil-livelli edukattivi kollha, kif ukoll fil-livelli lokali/reġjonali/nazzjonali.

*Prinċipju ta' gwida 3: Il-provvista ta' tagħlim professjonali kontinwu dwar l-inklużjoni*

Għandhom jiġu pprovduti opportunitajiet ta' tagħlim kontinwu lill-istaff kollu mis-servizzi speċjalizzati u mainstream, inklużi dawk bi rwoli ta' tmexxija (jiġifieri li jimmiraw li jnisslu ħiliet u kompetenzi inklużivi).

*Prinċipju ta' gwida 4: Is-sostenn tat-tmexxija u l-ġestjoni ta' skola inklużiva*

Approċċ ta' disinn universali għall-istruzzjoni u t-tagħlim għandu jaġixxi bħala riżorsa u jsostni l-ħidma tal-professjonisti bi rwoli ta' tmexxija kemm mis-setturi mainstream kif ukoll minn dawk speċjalizzati.

*Prinċipju ta' gwida 5: It-tħeġġiġ tal-involviment attiv tal-istakeholders*

Il-familji, l-istudenti u stakeholders oħra tal-komunità għandhom jiġu sostnuti biex jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċess tat-tagħlim u tal-istruzzjoni.

*Prinċipju ta' gwida 6: Il-promozzjoni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni kontinwi*

L-istaff kollu mis-servizzi speċjalizzati u mainstream għandu jaħdem lejn approċċ fuq livell ta' skola sħiħa li jiffoka fuq l-ostakli għal u l-faċilitaturi tat-tagħlim u l-istruzzjoni.

**2. Prijoritajiet u strateġiji ta' politika**

Kull prinċipju ta' gwida huwa marbut mal-prijoritajiet u l-istrateġiji tal-politika li l-pajjiżi identifikaw bħala prattiki effettivi matul il-workshops. Dawn huma **għanijiet fit-tul** għal politiki li għandhom isegwu rigward ir-rwol li qed jinbidel tas-servizzi speċjalizzati.

Kull prinċipju ta' gwida jinkludi xi prijoritajiet u strateġiji politiċi ewlenin li jsostnu r-rwol li qed jinbidel tas-servizzi speċjalizzati u jikkomplementaw ukoll lil xulxin. Il-pajjiżi jaraw dawn il-prijoritajiet u l-istrateġiji ta' politika bħala fundamentali biex jintlaħqu l-valuri espressi fil-prinċipji ta' gwida.

**3. Azzjonijiet ewlenin**

Kull prijorità u strateġija ta' politika jistgħu jinqasmu f'azzjonijiet ewlenin, bħala **eżempji ta' implimentazzjoni effettiva** tal-politiki u l-istrateġiji assoċjati. Dawn ikopru kwistjonijiet ta' **finanzjament, governanza, capacity building** u **assigurazzjoni ta' kwalità** li jippermettu lill-istakeholders jimplimentaw il-politiki u l-istrateġiji li jirreferu għalihom.

L-azzjonijiet ewlenin jikkunsidraw:

- X'għandu jsir
- Kif għandu jsir
- Kif tiċċekkja l-effettività.

Kif turi l-Figura 1, kull prinċipju ta' gwida huwa marbut ma' diversi prijoritajiet u strateġiji ta' politika kif ukoll ma' diversi azzjonijiet ewlenin, li għandhom jitqiesu b'mod olistiku.




**Figura 1. Konnessjonijiet bejn il-prinċipji ta' gwida, il-prijoritajiet/l-istrateġiji tal-politika u l-azzjonijiet ewlenin**

# L-għodda ta’ awtoreviżjoni CROSP: pjan direzzjonali lejn il-bidla fir-rwol tas-servizzi speċjalizzati

Il-qafas ta’ CROSP kien il-bażi għall-iżvilupp ta’ **pjan direzzjonali għall-bidla fir-rwol tas-servizzi speċjalizzati**. Dan il-pjan direzzjonali jipprovdi ħarsa ġenerali olistika tal-prijoritajiet u l-istrateġiji tal-politika u l-passi jew l-istadji ewlenin għall-implimentazzjoni effettiva.

Huwa jimmira b’mod partikolari li:

- jgħin lill-pajjiżi biex jevalwa/jimmonitorjaw is-sitwazzjonijiet tagħhom stess, billi jidentifikaw il-punti b’saħħithom u d-dgħufijiet u fejn jinsabu fil-vjaġġi tagħhom biex ibiddlu r-rwol tas-servizzi speċjalizzati;
- isostni lill-pajjiżi biex jiddefinixxu oqsma ta’ politika li jeħtieġu aktar żvilupp u l-passi li jmiss li għandhom jittieħdu, flimkien mar-responsabbiltajiet tal-istakeholders kollha.

B’mod ġenerali, dan il-pjan direzzjonali jgħaqqad is-6 prinċipji ta’ gwida ma’ 17-il prijorità u strateġija ta’ politika, kif muri fil-Figura 2.






**Prijorità/strateġija tal-politika 1.1:**
Hemm impenn komuni għall-edukazzjoni inklużiva sostnut minn rieda politika li tħeġġeġ bidla fit-tul

**Prijorità/strateġija tal-politika 1.2:**
Il-politiki nazzjonali jinkludu impenn kondiviż għall-edukazzjoni inklużiva sostnut minn approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem

**Prijorità/strateġija tal-politika 1.3:**
Hemm politiki u strateġiji fis-seħħ li jippromwovu fehim komuni tal-edukazzjoni inklużiva bejn is-setturi mainstream u dawk speċjalizzati

**Prijorità/strateġija tal-politika 2.1:**
Il-politiki u l-istrateġiji jsostnu l-qsim tal-għarfien permezz tal-iżvilupp ta' komunitajiet ta' tagħlim professjonali

**Prijorità/strateġija tal-politika 2.2:**
It-trasformazzjoni tal-iskejjel speċjali f'ċentri ta' riżorsi tiżgura l-iskambju tal-għarfien bejn il-professjonisti fis-setturi speċjalizzati u dawk mainstream

**Prijorità/strateġija tal-politika 2.3:**
L-għoti ta' continuum ta' appoġġ mill-professjonisti jippermetti lill-professjonisti mainstream, lill-familji u lill-istudenti jiksbu kompetenzi inklużivi

**Prijorità/strateġija tal-politika 3.1:**
Opportunitajiet ta' tagħlim professjonali jippromwovu lingwa komuni dwar l-inklużjoni għall-istudenti kollha

**Prijorità/strateġija tal-politika 3.2:**
Il-professjonisti mis-setturi mainstream u speċjalizzati huma mgħammra b'kompetenzi/ħiliet, kwalifiki u għodod xierqa biex jaħdmu ma' gruppi diversi

**Prijorità/strateġija tal-politika 3.3:**
Il-konnessjoni ta' opportunitajiet ta' tagħlim professjonali għall-għalliema mis-setturi mainstream u speċjalizzati

**Figura 2. Il-pjan direzzjonali ta' CROSP**

## Prinċipju ta' gwida 4

Is-sostenn tat-tmexxija u l-ġestjoni ta' skola inklużiva

**Prijorità/strateġija tal-politika 4.1:**
Il-mexxejja tal-iskejjel jippromwovu viżjoni inklużiva, inklużi valuri reċiproċi, lingwa u fehim komuni, u approċċ olistiku

**Prijorità/strateġija tal-politika 4.2:**
L-iżgurar tal-kapaċitajiet u l-kunfidenza tat-tmexxija tal-iskejjel kemm mis-settur mainstream kif ukoll minn dak speċjalizzat għas-sostenn tal-edukazzjoni inklużiva

**Prijorità/strateġija tal-politika 4.3:**
It-tmexxija u l-ġestjoni tal-iskejjel isostnu l-edukazzjoni inklużiva permezz tal-kollaborazzjoni

## Prinċipju ta' gwida 5

It-tħeġġiġ tal-involviment attiv tal-istakeholders

**Prijorità/strateġija tal-politika 5.1:**
Hemm politiki u strateġiji nazzjonali komprensivi fis-seħħ li ġew żviluppati wara konsultazzjoni wiesgħa mal-istakeholders, b'viżjoni u rieda politika ċari

**Prijorità/strateġija tal-politika 5.2:**
Il-politika tiżgura li l-istudenti u l-familji jkunu l-atturi ewlenin u jitqiesu bħala riżorsa ewlenija fil-proċess tat-tagħlim u tal-istruzzjoni

## Prinċipju ta' gwida 6

Il-promozzjoni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni kontinwi

**Prijorità/strateġija tal-politika 6.1:**
Hemm indikaturi nazzjonali ta' edukazzjoni inklużiva ta' kwalità li jqisu l-varjazzjoni lokali, id-diversità tal-ħtiġijiet tal-istudenti u r-rwol tas-servizzi speċjalizzati

**Prijorità/strateġija tal-politika 6.2:**
Hemm strutturi/proċessi kooperattivi fis-seħħ għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni

**Prijorità/strateġija tal-politika 6.3:**
Hemm sistema komprensiva għall-monitoraġġ ta' kif is-servizzi speċjalizzati jsostnu s-settur mainstream fl-implimentazzjoni tal-edukazzjoni inklużiva (li tkopri s-subsistemi tal-evalwazzjoni interna u esterna)

L-**għodda ta' awtoreviżjoni CROSP** tinkludi l-prinċipji ta' gwida, il-prijoritajiet/l-istrateġiji ta' politika u l-azzjonijiet ewlenin indikattivi kollha fil-forma ta' mistoqsijiet ta' awtoriflessjoni.

Din l-għodda hija mmirata l-aktar lejn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell nazzjonali/reġjonali/lokali, kif ukoll il-professjonisti fil-livell tal-iskola. Dan jista' jippermetti lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u professjonisti oħra biex jirriflettu u jiżviluppaw continuum ta' appoġġ għall-edukazzjoni inklużiva.

L-għodda CROSP hija **dokument ta' sors miftuħ**. Il-pajjiżi jistgħu jibnu fuqha biex jivvalidawha u jadattawha għall-kuntesti nazzjonali tagħhom. Huwa importanti li l-għodda tiġi ttrattata bħala strument li qed jevolvi. Il-pajjiżi huma mħeġġa biex:

- jittraduċu l-kwistjonijiet, id-definizzjonijiet u l-punti f'realtajiet edukattivi nazzjonali;
- jikkooperaw u jiffurmaw networks fil-prattika fil-livell transministerjali, transterritorjali u transprofessjonali;
- jużaw l-għodda bħala mezz biex jiżguraw l-ingaġġ tal-istakeholders fir-rwol li qed jinbidel tas-servizzi speċjalizzati.

# Kummenti finali

Il-vjaġġi tal-pajjiżi lejn ir-riorganizzazzjoni tas-servizzi speċjalizzati jistgħu jieħdu mogħdijiet differenti. Madankollu, il-pajjiżi kollha għandhom jikkunsidrawh bħala proċess gradwali u kontinwu li jsegwi l-istess prinċipji u l-istess għan ewlieni li tiġi pprovduta edukazzjoni ta' kwalità għolja lill-istudenti kollha.

Il-proġett CROSP ipprovda għarfien ta' sfond u ssuġġerixxa qafas ġenerali lejn dan l-għan. L-għodda ta' CROSP, bħala r-riżultat ewlieni tal-proġett, tista' sservi bħala riżorsa biex jinbeda jew jitkompla l-proċess kontinwu ta' sostenn tar-rwol li qed jinbidel tas-servizzi speċjalizzati.

L-għodda tippermetti t-trasferiment tal-għarfien fost il-professjonisti mis-servizzi mainstream u speċjalizzati billi tinvolvihom f'riflessjoni kollettiva u azzjoni lejn l-iżvilupp ta' sistemi edukattivi inklużivi.

Il-pajjiżi jistgħu wkoll jaraw l-għodda bħala stimolu għad-diskussjoni, bil-għan li jiddefinixxu b'mod kollettiv il-valuri kondiviżi, lingwa komuni, strateġiji u azzjonijiet, kif ukoll pjanijiet speċifiċi ta' implimentazzjoni. Dan jippermetti kooperazzjoni transnazzjonali, b'pajjiżi differenti li jaġixxu bħala "ħbieb kritiċi", jaqsmu l-esperjenzi u jipprovdu sostenn reċiproku.

Huwa ttamat li din l-għodda tiġi adattata u vvalidata aktar għall-użu f'kuntesti nazzjonali u tgħin lill-pajjiżi fl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw sistemi edukattivi aktar inklużivi.

# Referenzi


Andrews, M. u Manning, N., 2015. *A study of peer learning in public sector reforms. Experience, experiments and ideas to guide future practice. Part Three: Annexes [Studju tat-tagħlim bejn il-pari fir-riformi tas-settur pubbliku. Esperjenza, esperimenti u ideat biex jiggwidaw il-prattika futura. Parti Tlieta: L-Annessi]*. Pariġi: Effective Institutions Platform

In-Nazzjonijiet Uniti, 1989. *Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal*. 20 ta' Novembru 1989

In-Nazzjonijiet Uniti, 2006. *Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità*. 13 ta' Diċembru 2006

Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2018. *Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim*. (2018/C 195/01)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2015. *Il-Pożizzjoni tal-Aġenzija dwar Sistemi ta' Edukazzjoni Inklużiva*. Odense, id-Danimarka

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2019. *Changing Role of Specialist Provision in Supporting Inclusive Education: Mapping Specialist Provision Approaches in European Countries [Il-Bidla fir-Rwol tas-Servizzi Speċjalizzati għall-Edukazzjoni Inklużiv: L-immappjar tal-Approċċi tas-Servizzi Speċjalizzati fil-Pajjiżi Ewropej]*. (S. Ebersold, M. Kyriazopoulou, A. Kefallinou u E. Rebollo Píriz, edituri). Odense, id-Danimarka

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2021. *Prinċipji Ewlenin - Sostenn għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika għall-edukazzjoni inklużiva*. (V. J. Donnelly u A. Watkins, edituri). Odense, id-Danimarka

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2022. *Changing Role of Specialist Provision in Supporting Inclusive Education: Formative Evaluation of Peer Learning [Il-Bidla fir-Rwol tas-Servizzi Speċjalizzati għall-Edukazzjoni Inklużiv: Evalwazzjoni Formattiva tat-Tagħlim bejn il-pari]*. (H. Weber, ed.). Odense, id-Danimarka




Segretarjat:

Østre Stationsvej 33
DK-5000
Odense C
id-Danimarka
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Uffiċċju ta' Brussell:

Rue Montoyer 21
BE-1000
Brussels
il-Belġju
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org


www.european-agency.org

MT